

# San Ġorġ: Ħamsin sena Bażilika (4)

**George Francis Vella** – georgefrancis.vella@gmail.com

Il-kitba hija żerriegħa li tnibbet għeruq il-ġrajjiet; hija qawwa li tvinċi taħsir iż-żminijiet; hija nċira li tfassal destin it-tifkiriet. Il-*Merito dilaudatur templum,* id-digriet tal-bażilika Ġorġjana, huwa dan u aktar.

Huwa monument ħaj ta' fidi żonqrija li, għax Kristjana f'nisilha u Ġorġjana f'ħarsitha, żammet dejjem sħiħa kontra l-ħażen ta' l-għedewwa. Huwa għanja għaslija ta' mħabba paterna li ma tafx tehda titħabat għal kisra tbissima fuq ħaddejn l-ulied. Huwa fuq kollox musbieħ nemniemi ta' tama qawwija li b'dijietha ddawwal il-mogħdija li għad twassal lill-poplu ta' Ġorġi fil-milja aħħarija tal-grazzja.

F'din il-ħarġa, għaldaqstant, qed jiġi ppubblikat id-digriet sħiħ fl-oriġinal, jiġifieri bil-Latin, kif imxandar fl-*Acta Apostolicæ Sedis,* il-gazzetta uffiċjali tas-Santa Sede. Qed tidher ukoll traduzzjoni tiegħu (ara paġna 14) fi lsienna li kienet saret wisq probabbli minn Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso (1887-1969), saċerdot Ġorġjan li fi żmienu kien magħdud fost l-aqwa esponenti tal-Latin u kittieb prim tal-Malti.

**Taħt:**
*Id-digriet oriġinali tal-bażilika ta' San Ġorġ, bis-siġill papali, miżmum b'għożża tul is-sena kollha fl-awla kapitulari.*

**Fil-paġna l-oħra:**
*Id-digriet sħiħ tal-bażilika Ġorġjana kif jidher fil-pubblikazzjoni ta' l-*Acta Apostolicæ Sedis, *An. et Vol. LI (Serie III, V.I) N. 6, tas-sena 1959, f'paġni 323 u 324.*



PIVS PP. XII

Ad perpetuam rei memoriam

eadem omnino habenda erit fides, quae hisce haberetur, si ostenderentur. Quae Nostra decreta in universum si quis vel spreverit vel quoquo modo detrectaverit, sciat se poenas esse subiturum iis iure statutas, qui Summorum Pontificum iussa non fecerint.

Datum ex Arce Gandulfi, prope Romam, die tricesimo mensis Iulii anno Domini millesimo nongentesimo quinquagesimo octavo, Pontificatus Nostri vicesimo.

CELSUS Card. COSTANTINI
*S. R. E. Cancellarius*

✠ MARCELLUS Card. MIMMI
*S. Congr. Consistorialis a Secretis*

Hamletus Tondini
*Apostolicam Cancellariam Regens*

Albertus Serafini, *Prot. Apost.*
Caesar Federici, *Prot. Apost.*

Loco ✠ Plumbi

*In Canc. Ap. tab., vol.* [illegible], *n.* [illegible]

# LITTERAE APOSTOLICAE

TITULO AC PRIVILEGIIS BASILICAE MINORIS ORNATUR ECCLESIA PAROECIALIS DEO IN HONOREM SANCTI GEORGII MARTYRIS, IN URBE VICTORIA, INTRA FINES GAUDISIENSIS DIOECESIS, CONSECRATA.

## PIUS PP. XII

Ad perpetuam rei memoriam. — Merito dilaudatur templum Sancto Georgio Martyri sacrum, quod praeclarum ornamentum Victoriae, urbis principis insulae Gaudisiensis, e Maris Interni caeruleo aequore exsurgentis, atque dioecesis cognominis habetur. Est enim antiquitate conspicuum, quamquam tabulae, quibus eius origo definite statuatur, deperditae sunt; constat vero id anno MDV iam fuisse paroeciae titulo insigne. Christifidelium increscente numero, loco pristinae aedis amplius templum, crucem Latinam, quam vocant, referens, medio saeculo XVII exstructum est eique tholus impositus, ad quod opus efficiendum insulae moderatores populusque pia cum animorum alacritate stipem contulere. Haec autem ecclesia terrae tremore non semel quassa est, ita ut eam ex parte reficere atque immutare opus fuerit. Hoc denique vertente saeculo,



ampla ei adiuncta est accessio et superior pars nova ratione composita, plebe christiana iterum in partem impensae veniente. Plurimis quoque ornamentis adauctum est templum, sive sculpturis, sive opere tectorio, sive imaginibus pictis sive auro rebus obducto. Praeterea marmore renidet vario, et sacra supellectile aeque pretiosa affluit, adeo ut templum dicas ad divinos celebrandos ritus instructissimum. Haec autem ecclesia, quae usque ad annum MDCCCCLV Gaudisiensi templo maximo minus principaliter fuit unita, quasi quoddam theatrum est actuosae fidei ac pietatis incensae, quod in exquisitissimum eius decus vertere non est qui infitietur. Ad hoc quod attinet, iuvat memorare fideles praecipuo studio Sanctum Georgium prosequi, cuius praesenti ope, uti memoriae proditur, pestis et alia mala ab incolis sunt propulsa. Quibus permotus rebus, Venerabilis Frater Iosephus Pace, Gaudisiensis Episcopus, Nos rogavit, ut hoc templum Basilicae Minoris nomine ac iure donaremus. Quas preces libenter admittentes, Nos ex Sacrae Rituum Congregationis consulto, certa scientia ac matura deliberatione Nostra deque Apostolicae potestatis plenitudine, harum Litterarum vi, perpetuumque in modum curialem ecclesiam Deo in honorem Sancti Georgii Martyris in urbe Victoria, intra Gaudisiensis dioecesis fines, consecratam, ad dignitatem et honorem *Basilicae Minoris* evehimus, omnibus adiectis iuribus ac privilegiis, quae sacris aedibus eodem nomine insignibus rite competunt. Contrariis quibusvis non obstantibus. Haec edicimus, statuimus, decernentes praesentes Litteras firmas, validas atque efficaces iugiter exstare ac permanere; suosque plenos atque integros effectus sortiri et obtinere; illisque, ad quos spectant seu spectare poterunt, nunc et in posterum plenissime suffragari; sicque rite iudicandum esse ac definiendum; irritumque ex nunc et inane fieri, si quidquam secus, super his, a quovis, auctoritate qualibet, scienter sive ignoranter attentari contigerit.

Datum ex Arce Gandulfi, sub anulo Piscatoris, die VI mensis Septembris, anno MDCCCCLVIII, Pontificatus Nostri vicesimo.

De speciali mandato Sanctissimi
Pro Domino Cardinali a publicis Ecclesiae negotiis

GILDO BRUGNOLA
*a Brevibus Apostolicis*

# Merito Dilaudatur Templum

## *Il-papa Piju XII*
## *Biex tibqa' tifkira għal dejjem*

Hu tabilħaqq ta' min ifaħħru bil-qatigħ it-tempju ddedikat lil San Ġorġ Martri, żîna liema bħalha mhux biss tal-belt Victoria, il-belt ewlenija ta' Għawdex, gżira f'nofs il-baħar kaħlani tal-Mediterran, imma tad-djoċesi kollha ta' dan l-isem. Hu filfatt magħruf għall-antikità tiegħu, għalkemm ma nafux meta ġie mibni l-ewwel darba, minħabba li d-dokumenti maż-żmien ġew mitlufa, imma hi ħaġa ċara li fis-sena 1505 kien diġà insinji bit-titlu ta' parroċċa. Kiber maż-żmien in-numru tal-parruċċani tiegħu u flok dan it-tempju qadim ieħor ikbar, għamla ta' salib u bil-koppla, ġie mibni mal-ħabta tas-seklu XVII, li biex inbena ħarġu flushom b'ħerqa ta' l-għaġeb il-kapijiet u l-poplu tal-gżira. Iktar minn darba din il-knisja theżżet bit-terremoti u kull darba kellha bżonn ta' tiswija jew ta' bdil. Dan l-aħħar, fis-seklu li aħna fih, ġiet imkabbra, miżjuda u mirquma b'xogħol ġdid, u anki din id-darba bil-flus li ta l-poplu. Barra minn dan, dan it-tempju ġie mżejjen b'opri ta' skultura, pittura, dekorazzjonijiet u induratura, u minn fuq s'isfel sar ileqq kollu kemm hu b'irħam imżewwaq, barra milli hu mgħammar b'bosta ħwejjeġ prezzjużi, tant li tista' tgħidlu tempju li għandu dak kollu li hu meħtieġ biex fih jiġu ċċelebrati l-funzjonijiet sagri. Din il-knisja, li sas-sena 1955 kienet magħquda mal-knisja ewlenija bħala parroċċa *"minus principalis"*, hi tassew spettaklu ta' fidi ħajja u ta' mħabba mkebbsa, glorja tagħni ta' ġmiel mill-ikbar li ma jista' jiċħadha ħadd. U la aħna fid-diskors jaqbel li nfakkru dak li nafu min-nies ta' qabilna: b'liema mħabba l-Għawdxin ħabbew dejjem lil San Ġorġ, li bil-protezzjoni tiegħu ġew imħarsa fiż-żmien tal-pesta u ta' tiġrib ieħor. Imqanqal minn dan kollu l-venerabbli ħuna Ġużeppi Pace, isqof ta' Għawdex, talabna biex nagħtu lil dan it-tempju t-titlu u dritt ta' bażilika minuri. Aħna bil-qalb kollha lqajna t-talba tiegħu u, wara li tħaddidna mas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, b'tagħrif ċert u b'għarbil bir-reqqa, bil-milja tas-setgħa tagħna u Appostolika, bis-saħħa ta' dan il-brevi, ngħollu għal dejjem il-knisja parrokkjali kkonsagrata 'l Alla f'ġieħ San Ġorġ fil-belt Victoria tad-djoċesi ta' Għawdex għad-dinjità u għall-ġieħ ta' bażilika minuri bid-drittijiet u bil-privileġġi kollha li jgawdu l-knejjes imżejna b'dan it-titlu. Dak li jsir kontra dan ma jiswa xejn. Filwaqt li qegħdin inxandru dan, niddekretaw li din l-ittra tagħna għandha tkun u tibqa' għal dejjem, bla ma taqta' xejn, sħiħa, qawwija u siewja, li għandu jkollha u tikseb l-effetti kollha tagħha bla mittiefsa, li tagħti lil dawk kollha li tirrigwardahom jew li għad tista' 'l quddiem tirrigwardalhom il-jeddijiet kollha minn issa u għal li ġej fil-milja kollha tagħhom; u li hekk għandu jiġi stabbilit u definit, tant li jekk xi ħadd, kien min kien, ta' kull awtorità, li apposta jew bla ma jkun jaf, jagħmel xi ħaġa kontra dan li għidna, ma jkunx jgħodd u lanqas jiswa minn issa stess.

Mogħti f'Kastell Gandolfo bis-Siġill tal-Ħâtem tas-Sajjied, fis-6 ta' Settembru 1958, fl-għoxrin sena tal-pontifikat tagħna.

Bi kmand speċjali tal-Papa flok il-Kardinal għall-Affarijiet Pubbliċi tal-Knisja.

**Gildo Brugnola**
*Segretarju tal-Brevi Appostoliċi*